MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 933/2001/1

**Bay Street Limited u
Bay Street Holdings Limited (gia Bronville Ltd)**

**vs**

**Gollcher Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjetajiet attrici fid-9 ta' Novembru, 2001 fejn talbu lil din il-Qorti ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti in linea ta' danni li s-socjetajiet attrici, jew min minnhom, soffrew b'rizultat tan-nuqqas li twettaq l-obbligu kuntrattwali tas-socjeta' konvenuta meta fit-13 ta' Novembru, 2000 s-socjeta' konvenuta naqset milli tikkonsenja lis-socjetajiet attrici parti minn merkanzija illi hija kienet accetat fuq inkarigu taghhom li ggorrilhom fuq bazi *door-to-door* mill-Ingilterra ghal Malta u dan peress illi hija unikament responsabbli ghall-imsemmija

danni; prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni necessarja, inkluz li hija naqset milli twettaq l-imsemmi obbligu taghha, illi s-socjetajiet attrici jew min minnhom, soffrew danni b'rizultat ta' dan, u li hija responsabbli ghall-istess danni.

Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-ittra bonarja tal-11 ta' Gunju, 2001 u bl-imghax legali mit-13 ta' Novembru, 2001, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza, gie dikjarat illi l-valur ma jeccedix il-hamest elef lira Maltin (Lm5000).

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

Illi fl-ewwel lok, in-nuqqas ta' nteress giuridiku ta' Bay Street Holdings Limited.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, u in kwantu t-talba attrici hija bazata fuq il-kuntratt ta' garr tal-merkanzija de quo, in-nuqqas ta' relazzjoni giuridika bejn il-kontendenti stante li s-socjeta' konvenuta ma kkuntrattatx ma' l-atturi jew min minnhom biex iggorr il-merkanizja in kwistjoni hija stess, izda kellha biss il-funzjoni limitata ta' agent ta' t-trasportatur li effettivament garr il-merkanzija kif ukoll li zammet il-merkanzija li twasslet Malta minn terzi gewwa l-*bond* privat taghha sakemm din l-istess merkanzija giet rilaxxjata lill-atturi.

Illi minghajr pregudizzju u subordinatament fil-mertu, f'kaz biss li t-talba ta' l-atturi fil-konfront taghhom hija bazata fuq il-perijodu li l-merkanzija kienet fil-*bond* taghhom ( haga li ma tirrizultax mill-premessi jew kawzali) l-esponenti jeccepixxu illi huma kkonsenjaw il-merkanzija lill-atturi fl-istess stat u kondizzjoni li giet konsenjata lilhom mit-trasportatur tal-merkanzija li garrha lejn Malta u kwindi mhuwiex responsabbli ghall-ebda hsarat jew nuqqasijiet li seta' kien hemm fil-merkanzija.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta’ attrici ordna merkanzija mill-Ingilterra illi waslet Malta fit-18 ta’ Ottubru, 2000 abbord il-vapur Nedlloyd Africa.  Il-merkanzija kienet f’*container groupage* illi gie *destaffed* fl-20 ta’ Ottubru, 2000.  Prezenti ghall-operazzjoni kien hemm Colin Micallef, il-*bond operator* tas-socjeta’ konvenuta li nnota li l-merkanizja tas-socjeta’ attrici kienet *retaped*, fejn allura kellu suspetti illi seghet kienet miftuha.  Ipprepara *out-turn report* illi hu dokument intern illi baghat lill-*Head Office*.  Il-merkanzija tpoggiet fil-*bonds* tas-socjeta’ konvenuta fejn damet hemm xi xahar, biex imbaghat gie *delivered* lis-socjeta’ attrici fis-7 ta’ Novembru, 2000.  Fuq id-*delivery note* ma hemm l-ebda rimarka, pero’ r-rapprezentanti tas-socjeta’ attrici jghidu illi meta rcevew il-merkanzija fl-i*stores* taghhom sabu hafna nuqqasijiet.  Peress illi huma ma kellhomx assikurazzjoni, Jeffrey Ciantar li jiggestixxi l-hanut bl-isem “Grand Prix” f’Bay Street, ipprepara rapport tan-nuqqasijiet illi kien hemm u baghatu lis-socjeta’ konvenuta.  Pero’ baqa’ ma nghatax sodisfazzjon.

L-istess ghamlu Alexander Ellul u Michelle Spiteri din ta’ l-ahhar *administration manager*.  Dawn jghidu illi ppruvaw jaslu fi ftehim mas-socjeta’ konvenuta li minn naha taghha nnegat kull responsabbilta’ ghan-nuqqasijiet illi kien hemm fil-merkanzija.

Is-socjeta’ attrici, pero’ qeda tinsisti li r-responsabbilta’ ghandha taqa’ fuq is-socjeta’ konvenuta peress illi l-ftehim tal-garr tal-merkanzija kien *‘door-to-door’* illi kien ifisser li s-socjeta’ attrici nkarigat lis-socjeta’ konvenuta sabiex twassal il-merkanzija minghand ix-*shipper* dritt ghall-i*stores* tas-socjeta’ attrici.

Peter Fleri Soler, sales and marketing manager mas-socjeta’ konvenuta nnega illi kien hemm xi arrangament ta’ *‘door-to-door’* u rrifera ghall-polza tal-karigu illi tghid

kjarament illi t-*terms* tat-trasport kellhom ikunu C&F, cioe' '*cost and freight'*. Fill-fatt hemm indikazzjoni li l-*freight* huwa *pre-paid*.

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza bejn il-partijiet iddur fuq l-arrangament illi kien hemm ghat-trasport tal-merkanzija mir-Renju Unit ghal Malta. Filwaqt li s-socjeta' attrici tghid illi hija nkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex torganizza t-trasport u twassal il-merkanzija sa' l-imhazen tas-socjeta' attrici, s-socjeta' konvenuta tghid illi ma kellhiex dik ir-responsabbilta, izda biss li tircievi l-merkanzija wara li l-*container* jigi *destaffed*, tpoggi l-merkanzija fil-*bonds* taghha u wara tikkonsenjahom fl-imhazen tas-socjeta' attrici.

Biex issolvi din il-vertenza l-Qorti rat il-polza tal-karigu illi kienet takkumpanja din il-merkanzija. Din tghid illi t-*terms* tat-trasport kellhom ikunu C&F u l-merkanzija tpoggiet fil-*container* diga f'kondizzjoni danneggjata, tant illi hemm id-dikjarazzjoni illi kien hemm *'seven pallets said to contain 110 cartons garments, cartons sealed with two tapes, some cartons double taped, cartons mostly sealed with blue tape, some sealed clear or brown tape.'*

Ghalhekk, minn dan id-dokument jidher car illi l-arrangament ghat-trasport ma kienx kif xehdu r-rapprezentanti tas-socjeta' attrici, izda kif xehed Peter Fleri Soler ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, u cioe' C&F.

Dan jidher illi huwa wkoll konfermat minn Jeffrey Ciantar fejn kien qed jixhed ghan-nom tas-socjeta' attrici (fol. 77) fejn spjega illi l-merkanzija kellha tigi minn zewg kumpaniji differenti, wahda jisimha Action Performance u l-ohra TSS&P. Hija din ta' l-ahhar illi organizzat ix-*shipping* ghan-nom tas-socjeta' attrici u jammetti li t-terminologija wzata *'door-to-door'* ma kinitx wahda korretta. Kienet it-TSS&P li qabbdet *freight forwarder* sabiex iggib il-merkanzija Malta.

Ghalhekk, l-ewwel vertenza bejn il-partijiet hija solvuta minn dak illi gie riprodott fil-polza tal-karigu, liema dokument huwa mportanti hafna ghar-relazzjoni kummercjali illi kien hemm bejn il-partijiet f'din il-kawza.

Fil-kawza fl-ismijiet GasanMamo vs Sea Malta Company Limited pro et noe. deciza mill-Qorti ta' l-Appell sede Nferjuri fis-17 ta' Novembru, 2004 fejn ikkonfermat sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta inghad illi huwa principju fondamentali tal-ligi marittima li l-polza tal-karigu taghmel prova bejn il-partijiet kollha nteressati fit-taghbija bejnithom kif ukoll l-assikuraturi tal-hsara tal-prova kontrarja.  Ghaldaqstant, f'dan il-kaz, id-dikjarazzjoni fuq il-polza tfisser illi l-merkanzija giet ricevuta abbord fil-kondizzjoni ndikata u din tikkonstitwixxi ammissjoni minn naha tal-vettur illi huwa rcieva abbord il-merkanzija fl-istat indikat fil-polza tal-karigu u allura ghadnu obbligazzjoni illi jikkonsenja dik il-merkanzija fl-istess kondizzjoni fl-ahhar tal-vjagg.

Dan huwa ezattament illi ghamel il-vettur, tant hu hekk, illi meta l-*container* gie *destaffed*, kemm Colin Micallef, il-*bond operator*, kif ukoll Joseph Borg ta' Lyzer Transport, il-burdnara, kienu prezenti u raw li l-kaxxi gew *taped*. Joseph Borg a fol. 52 jghid, "Gew hekk minn barra, konna ahna li hattejnihom minn gol-*container* u rajnihom f'dak l-istat."  Aktar tard meta gew moghtija struzzjonijiet sabiex igorru l-merkanzija, dawn gew trasportati fl-istess kondizzjoni li tpoggew fil-*bond*.  Minkejja li l-merkazija damet xi xahar fl-imhazen tas-socjeta' konvenuta, din ma ssubiet l-ebda kambjament u giet ikkonsenjata lis-socjeta' attrici fl-istess kondizzjoni li rcevieta s-socjeta' konvenuta.

Il-Qorti jidhrilha li hawnhekk is-socjeta' konvenuta wettqet id-doveri taghha skrupuluzament u wasslet il-merkanzija fl-istess kundizzjoni li rcevieta.  Darba li rrizulta li l-arrangament bejn il-partijiet ma kienx wiehed ta' *'door-to-door'* izda ta' *Cost and Freight*, f'dan il-kaz, allura r-responsabbilta tas-socjeta' konvenuta hija limitata mill-mument illi hija rceviet il-merkanzija wara li l-*container* jigi *destaffed* u peress li rrizulta li giet *destaffed* fil-kondizzjoni ndikata fil-polza tal-karigu, allura l-Qorti jidhrilha illi s-

socjeta’ konvenuta hijiex responsabbli ghal xi nuqqasijiet illi seta’ kien hemm fil-merkanzija, liema nuqqasijiet jirrizalu probabbilment qabel ma l-merkanzija tpoggiet fil-*container*.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba ta’ l-atturi;

Bl-ispejjez kontra taghhom..

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------